MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Numru. 501/2000

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH CORDINA
VS
HASSAN MOHAMMED ABULGHASEM
ABDUL KALAK EL HADI MESUD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Hassan Mohammed Abulghasem ta' 22 sena bin Mohammed u Ali, imwieled Tripoli Libja fil-5 ta' Mejju 1978 u li mghandux residenza fissa, detentu ta' passaport numru 021855 mahrug Tripoli u Abdul Kalak El Hadi Mesud ta' 22 sena bin El Hadi u Fatima, imwieled Jufren Libja fid-19 t'Awissu 1978 u li mghandux residenza fissa talli fil-lejl ta' bejn it-12 u it-13 ta' Lulju 2000, ghal habta ta' nofs il-lejl, fil-Marsa, volontarjament taw nar lil dar ta' abitazzjoni, jew volontarjament taw nar lil materjal li jaqbad u dan il-bini, lok jew materjal ikun qieghed b'mod li jista jqabbad il-hruq

lil bini iehor jew abitazzjoni fejn f'dak il-waqt kien hemm gewwa xi persuna jew persuni, u dan bi ksur tal-artikoli 317 u 318 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament, hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn hames mitt lira, u dan bi ksur tal-artiklu 325(a) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali that liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija.

Rat il-verbal tal-17 ta' Gunju 2002 fejn l-imputati ma sabux oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni b'mod specjali mix-xhieda tal-ispettur Joseph Cordina jirrizulta illi bejn il-lejl tat-12 u t-13 ta' Lulju 2000 il-pulizija gew infurmati illi kien hemm dhahen hierga mill-fond nru 10, Triq it-Tigrija, Marsa. Ghaldaqstant il-pulizija u membri tat-Tifi tan-Nar accedew fuq il-post, sgassaw il-bieb u ghelbu in-nirien li kienu emanenti minn kamra tas-sodda fejn fiha kien hemm diversi bicciet tal-ghamara qeghdin jaqbdu.

Fil-post ma kien hemm hadd izda kien hemm girien fuq iz-zewg nahat tal-fond li gew evakwati bhala prekawzjoni. Sid il-post, Joe Cassar, issuspetta illi setghu kienu xi gharab li kienu jahtu ghal dawk in-nirien stante illi kien kera il-post ghall-gharab diversi drabi.

Gie infurmat il-Magistrat tal-Ghassa li hatar diversi esperti li kollha esebew ir-relazzjoni taghhom.

Mill-investigazzjonijiet li ghamlu il-pulizija gew arrestati zewg gharab u l-istqarrija taghhom dok JC1 u 2 giet esebita u tinsab fl-atti.

Illi fl-istqarrija tal-imputat Kalak dan sostna illi fil-ghaxija bil-lejl kien il-Marsa ta' siehbu Abulghasem u ghall-habta tal-11.30 waslu fejn il-fond fejn kien joqghod wiehed illi kien jismu Guz. Kienu cemplu il-qanpiena imma ma fetah hadd imbaghad sgassaw il-bieb permezz ta' daqqa ta' sieq da parti ta' Abulghasem. .

Kalak stqarr illi fil-fond indikat fic-citazzjoni kien joqghod malti "mhux tajjeb" u ghaldaqstant telghu gewwa, qabdu il-cooker, tefa flokk fuq in-nar tal-cooker biex iqabbdu u wara dan bdew iqabbdu l-ghamara permezz tal-fjamma emanenti mill-flokk.

Kalak xehed illi kien hemm kamra tas-sodda imsakkra, allura sgassaw il-bieb u hemm hekk sabu television, cassette u sodda. Hemmhekk kemm Kalak kif wkoll Hasan poggew flokk jaqbad fuq l-imhadda u fuq is-saqqu.

Sostna illi ma serqu xejn mill-post u telqu il-barra. (ara stqarrija dok JC1 fol 20 u 21)..

Fl-istqarrija ta' Abulghasem dan xehed illi kien gie Malta xi 4 jew 5 darbiet ohra. Illi fil-lejl in kwistjoni ghall-habta tal-11.30pm kien ma siehbu Kalak mexjin lejn il-Marsa, waslu lejn il-fond indikat fic-citazzjoni u Kalak qallu li l-persuna li kienet tghix hemm hekk ma kenitx persuna "tajba".

Abulghasem xehed illi hu u Kalak kienu imdejjqin peress li xi hadd kien serqilhom il-flus kollha u kien sgassalhom il-bieb ta' fejn kienu jghixu.

Qal illi l-ewwel kienu xeghlu il-cooker, hadu flokk li kien minxuf u qabduh minn fuq il-cooker u permezz tal-flokk imqabbad bdew iqabbdu l-ghamara. Sgassaw kamra tas-sodda li kienet imsakkra u qqbbdu lilha wkoll.

Illi dawn iz-zewg stqarriji gew ikkonfermati quddiem l-espert mahtur mill-Qorti Profs Alfred Vella. (ara fol 18 u 19 tar-relazzjoni tieghu).

Kalak zied jghid (fol 104 tal-process) illi "Peress li kont tlift il-flus kelli dwejjaq u ridt ninsa billi nixrob. Kien ghalhekk li jiena spiccajt hraqt il-post ta' Cassar il-ghaliex kelli hafna dwejjaq."

Ix-xhieda tal-ufficjal prosekutur giet korroborata mix-xhieda ta' PC1169 u PS570 Joseph Cilia (fol 24 sa 29) li esebixxa dok JC l-okkorrenza tal-incident.

PC1052 Brian Tonna kien ecceda fuq il-post wkoll u baqa fixed point wara l-bieb wara li intefa in-nar.

PC541 Patrick Falzon kien presenti waqt it-ttehid tal-istqarrija u kkonferma l-istess.

Carmel Farrugia, Chief of Security mal-Bank of Valletta, esebixxa video dok CF li fih jidhru iz-zewg imputati.

Anglu Caruana, sid il-post, xehed illi huwa kien inxurjat u issubixxa Lm522 fi hsarat. Illi l-insurance taghtu biss Lm210 ghax ma kienx inxurjat fuq il-"contents" izda biss fuq l-istruttura tal-bini.

Qal illi kellu suspett li dak li gara kienu ghamluh xi gharab stante li l-inkwilin tieghu Joseph Cassar kien gieli jikri il-fond lilhom.

Joseph Cassar xehed (fol 58 sa 65) illi huwa kien joqghod f'fond nru 10, Triq it-Tigrija, Marsa u li kien cempillu sid il-post biex jistaqsieh jekk kienx hemm xi hadd fil-fond imsemmi il-ghaliex kien qed jaqbad. Ta deskrizzjoni tal-affarijiet kollha li kellu u xehed illi l-ispiza tal-hsarat kienet teccedi il-Lm500.

Xehed illi jaf lil Kalak izda ma kienx jaf lil Abulghasem. Xehed illi kien jaf lil Kalak il-ghaliex "kont inzommu mieghi" (fol 62).

Illi l-imputati ghazlu li jixdhu u fix-xhieda taghhom qalu illi huma kienu accedew ghand Cassar il-ghaliex huma kienu tawh xi flus  u riedu minghandu l-ID Card ta' Kalak u xi ritratt u kien talbu dawn l-affarijiet diversi drabi inutilment.

Illi kien ghalhekk illi kienu dahlu fil-fond, xeghlu l-cooker, qabdu flokk minn ta' Cassar stess, xeghluh fuq il-cooker u bdew jqabbdu permezz tal-fjamma tieghu l-ghamara tal-post. (fol 187 sa 201)

Kalak qal illi siehbu Abulghasem m'ghamel xejn il-ghaliex kien fis-sakra ma jarax art.L-uniku haga li kien ghamel hu li kien qabad tuffieha u kielha.

Abulghasem xehed illi huwa kien xurban hafna dak il-lejl, illi l-habib tieghu Kalak kellu ID Card ghand Cassar u riedu jmorru jigbruha.  Meta waslu fil-fond indikat ma sabuhx hemm u sgassaw il-bieb.

Xehed illi kellu hafna guh u jiftakar illi qabad tuffieha u beda jiekolha. Jiftakar illi xamm ir-riha tal-hruq pero minhabba is-sakra tieghu m'ghamel xejn sakemm Kalak beda jghidu "Ejja nimxu, ejja mmorru l-barra."

Xehed illi huwa fl-istqarrija tieghu ammetta ghal dak kollu illi jidher fl-istqarrija il-ghaliex f'pajjizu meta tigi maqbud mill-pulizija u ma tammettiex ghall-kollox tigi imsawwat u huwa haseb illi hekk kien ser jigrielu hawn Malta.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-fatti fuq esposti johrog evidentissimu illi kienu l-imputati illi wettqu il-hruq tal-fond indikat fic-citazzjoni u dana b'vendikazzjoni, parti il-ghaliex huma kienu sfaw vittma ta' xejn u parti il-ghaliex l-inkwilin Cassar kien zamm xi ID Card tal-imputat Kalak.

Dan jirrizulta mill-istqarriji tal-imputati a tempo vergine. Dawn l-istqarriji gew guramentati quddiem l-espert tekniku Profs Alfred Vella. L-ammissjoni ta' Kalak regghet giet imtennija ampjament fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti

waqt li Abulghasem fil-pedana tax-xhieda attenta li jizganca ruhu mill-involviment intier tieghu mar-reat.

Illi jirrizulta pprovat illi kien Kalak illi kien il-mohh wara dan ir-reat.

Abulghasem pero bil-presenza tieghu fil-fond u bil-mod illi huwa sgassa kemm il-bieb ta' barra kif wkoll il-kamra ta' gewwa ippartecipa b'mod attiv fil-modus operandi ta' kif sar dan ir-reat. Tajjeb li jigi innotat illi t-tieni sgass sehh wara li Kalak kien diga beda jahraq l-ewwel kamra.

Din il-Qorti taghraf illi Abulghasem kif gideb lill-pulizija gideb wkoll lill-Qorti biex jipprova jahbi l-partecipazzjoni tieghu fit-twettieq ta' dan ir-reat, liema partecipazzjoni kienet wahda aktar minuri minn dik ta' Kalak.

Illi l-Artikoli li jinkwadraw dawn it-tipi ta' reati huma l-Art 317 u 318 tal-kap 9 li jipprovdu:
**Art 317:"Whosoever shall wilfully set fire to any building, shed or other place mentioned in the last preceding article, no person being therein at the time of the setting on fire, or whosoever shall wilfully set fire to any combustible substance, and such building, shed or other place or such subtance is so situated that the fire would communicate to any other building, shed or place, any person being therein at the time, shall, on conviction, be liable:-**
**(a)where the fire had actually communicated, to the punishment or imprisonment for life:**
**Provided that if no person shall perish, the offender shall be liable –**
**(i)if he could have foreseen that any person was actually in the building, shed or place to which the fire had communicated, to imprisonment for a term from five to nine years;**
**(ii)otherwise, to imprisonment for a term from three to sic years;**
**(b) where the fire had not communicated to any other building, shed or place, to imprisonment for a term from three to five years.**

**Art 318: "Whosoever, shall wilfully set fire to any building, shed or other palce mentioned, in article 316, no person being therein at the time, and such building, shed or other place being so situated that the fire would not communicate to any other building, shed or place in which there is a person at the time, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term from to to four years"**

Illi minn ezami ta' dawn l-artikoli johrog bic-car illi l-Artikolu indikat ghar-reat dedott huwa dak imsemmi fl-Art 317 (b) fejn allura il-legislatur malti stabbilixxa piena minima ta' tlett snin u piena massima ta' hames snin.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma illi l-imputat Abulghasem li kellu rwol hafna izghar minn Kalak ta' kif twettaq dan ir-reat u ghaldaqstant issibu hati skond l-akkuza u wara li rat Art 317(b) tal-kap 9 u Art 325(a) tal-kap 9 u Art 15 tal-kap 217 tikkundannah ghal tlett snin prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien illi qatta f'arrest preventiv.

Illi in oltre tiddikjara lill-istess Abulghasem bhala immigrant ipprojbit u tordna t-tkeccija tieghu min dawn il-gzejjer.

Illi fil-konfront tal-imputat Kalak El Hadi Mesud li kien il-mohh wara dan ir-reat issibu hati skond l-akkuza u wara li rat Art 317(b) u 325(a) tal-kap 9 u Art 15 tal-kap 217 tikkundanna ghal erba snin prigunerija bi tnaqqis taz-zmien li qatta f'arrest preventiv u tiddikjarah bhala immigrant ipprojbit u tordna t-tkeccija tieghu minn dawn il-gzejjer.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------